**14 ta' Frar, 1994**

**Imhallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

L-Onorevoli Lorry Sant M.P.

*versus*

Victor Camilleri *et*

## Malafama – Fatti – Kritika

*Meta fatti msemmija f'gazzetta jkunu sostanzjalment veri l-Qorti ghandha tippermetti latitudni fil-kritika, li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll ażżardata entro l-limiti aċċettati tad-deċenza, permissibbli f'soċjetà demokratika;*

*Dak li ghandu jkun eżaminat huwa jekk l-apprezzament jew kritika ta' dawk il-fatti sostanzjalment korretti jeċċedux il-libertà ta' espressjoni ggarantita mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni*

*Ewropea tad-Drittijiet Umani kif dak id-dritt u libertà għandhom ikunu f'soċjetà demokratika.*

Il-Qorti:-

1. Il-konvenuti, rispettivament editur u stampatur, tal-gazzetta "In-Nazzjoni Tagħna" ġew imħarrka quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla, peress illi l-attur espona illi huma tawh malafama billi attribwewlu fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u li jesponuh għar-ridikolu u disprezz tal-pubbliku u dan permezz ta' dawn l-artikoli fl-imsemmija gazzetta u ċjoè (a) fit-13 ta' Settembru, 1990, fl-artikolu "Lorry Sant imblukkat minn kull kariga fil-GWU" f'paġna 24; u l-għada, l-14 ta' Settembru, 1990, bl-artikolu "X'ġara mill-mozzjoni li timblokka lil Sant minn karigi fil-GWU?" paġna 5.

L-attur talab il-Qorti li tiddikjara l-konvenuti ħatja tal-malafama u li tikkundannahom iħallsuh somma kompensatorja għad-danni li huwa sofra bl-istess pubblikazzjonijiet;

2. *Il-konvenut Spiteri ddikjara li huwa ma kienx qara* l-artikoli msemmija u wara, flimkien mal-konvenut l-ieħor, eċċepixxa illi (a) l-fatti msemmija fl-artikolu huma veri u l-**opinjonijiet** espressi huma kommenti juq l-istess li huma konsentiti u huma intitolati li jesprimuhom, skond il-liġi;

3. Is-sentenza ta' l-ewwel grad ġiet ippronunzjata fid-29 ta' Novembru, 1991 u, fil-parti essenzjali tagħha, iddeċidiet hekk:-

*Omissis;*

Dawn huma l-fatti ċentrali ta' "*news value*"li dwarhom ġiet mibnija l-istorja taż-żewġ artikoli. Mhux ikkontestat mill-attur li dawn huma koretti. Infatti dawn huma faċilment kontrollabbli b'paragun ma' dak li deher fiż-żewġ ħarġiet ta' l-"Orizzont" fuq iċċitati. L-attur bażikament qed jilmenta li l-ġurnal ta' "slant" inġust lil dawn il-fatti fil-konfront tiegħu, bil-ħsieb li jagħmillu l-ħsara. Dan jista' jkun veru u hu presumibbli li fil-politika, bħal f'partita boxing, id-daqqiet huma maħsuba ġeneralment biex iweġġgħu, jew jagħtu vantaġġ politiku lill-avversarju, imma mhux b'daqshekk neċessarjament ma jkunux "fair" jew leġittimi. Dan ifisser li mhux kull meta artikolu jarreka dannu jew inkonvenjent lill-persuna li lejha jkun dirett, bil-fors dan ikun libelluż. Id-detto ingliż "*facts are sacred but comment is free*" għalkemm kultant abbużat u mhux dejjem faċli biex tiġi ddeterminata l-linja ta' demarkazzjoni bejn il-fatti u l-kumment, għandu ħafna valur u fil-każ in eżami jrid verament jiġi applikat;

*Omissis;*

Ċerti frażijiet bħal "xnigħat persistenti", "ħafna kienu li qed ibassru", "imkejjen qrib il-General Workers Union" huma kliem ġeneriċi, introduttivi għall-kumment aktar minn stqarrija ta' fatt. B'introduzzjonijiet simili għal sentenzi, il-qarrej ma jistenniex li ser jaqra fatt li ġara, imma biss opinjoni bla paternità li tista' tagħmel sens għalih jew ma tagħmilx, skond kemm il-fatti sostanzjali u ċentrali ta' l-artikoli jreġġu bħala veri. Fl-assjem tagħhom il-Qorti tqis li l-artikoli ma kinux maħsuba biex inaqqsu l-ġieħ u l-istima ta' l-attur f'għajnejn il-pubbliku. Huma intiżi biex jagħtu interpretazzjoni – anki jekk għal kollox preġudikata u partiġjana – ta' fatti 'politiċi', anki jekk bi ħsiebha li jagħmlu ħsara politika lill-attur u jġibu disgwid fil-kamp politiku oppost.

Dan fil-fehma tal-Qorti, fil-limiti li ser jingħad aktar 'l isfel, hu eżerċizzju leġittimu, anki jekk jista' jkun kontroproduttiv, jekk ma jsirx b'mod għaqli u bbilanċjat. Fil-verità l-avukati tal-kontendenti fin-noti tagħhom jirregolaw il-materja. Dak tal-konsulent ta' l-attur kienet ferm eżawrjenti u preċiża. Kien biss fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, għall-każ in eżami li ma jaqblux. F'dan l-apprezzament, il-Qorti ttendi għall-konvinċiment illi ma jirriżultax fl-artikoli l-"*animus injuriandi*", il-"*malicious intent*" li trid il-liġi biex tiġi radikata b'suċċess l-azzjoni ta' libell;

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-prinċipji fuq ennunzjati għandhom jiġu liberament applikati f'dawn il-każijiet fejn:-

1. – il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' ċerta notorjeta pubblika;

2. – fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku anki jekk tikkonċerna l-ħajja privata tal-persuna pubblika;

3. – fejn il-kritika tkun ibbażata fuq u mibnija madwar **fatti li jkunu sostanzjalment veri;**

Il-Qorti, f'dawn il-każijiet, għandha tippermetti latitudni fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll ażżaradata entro l-limiti aċċettati tad-deċenza, permissibbli f'soċjeta demokratika. Dan għaliex temmen li s-sanzjoni vera għall-kritika inġusta jew esaġerata li tirriżulta bla bażi hi finalment it-telf tal-kredibilità tal-persuna li tkun qed tagħmel il-kritika. Il-qarrej ordinarju għandu jiġi kkreditat b'sens komun biżżejjed li jagħraf il-kritika serja minn dik frivola jew azzardata, u hu minn dan li jingħaraf il-ġurnaliżmu serju mill-iskart;

Mill-banda l-oħra hu ta' l-essenza tal-proċess demokratiku u tal-libertà *ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa*, id-dritt ta' l-analażi tal-fatti li jirriżultaw sostanzjalment veri u l-interpretazzjoni tagħhom. L-istess bħall-kritika, din l-analiżi u interpretazzjoni tal-fatti issib in-nawfraġju *tagħha fir-riġett ta'* l-opinjoni pubblika, jekk tkun manifestament inġusta jew ażżardata, b'mod li fatti sussegwenti kif jiżvolġu ruħhom jismentixxu l-konklużjonijiet *ta'* l-artikolista. Huwa hawn li l-persuna involuta li lejlha tkun ġiet diretta l-kritika, issib ir-rivendikazzjoni tagħha u takkwista statura fil-konfront ta' min ikun silet konsiderazzjonijiet u konklużżjonijiet żbaljati mill-fatti li jkunu sostanzjalment ippruvati bħala veritjeri;

It-test biex jiġi ddeterminat jekk il-kritika hiex waħda aċċettabbli jew le, hu dak li jirrispondi għad-domanda li jagħmel il-Gatley *''On Libel and Slander* (pp. 342 et seq):-

*Would any fair man, however prejudiced he might be, however exaggerated or obstinate his views, have written this criticism?''* L-oneru tal-prova li s-suġġett li dwaru nkiteb hu wieħed ta' interess pubbliku, li fatti li fuqhom hu bbażat l-artikolu, huma veru u li d-diskors jikkostitwixxi *'fair comment'*fuqu, jinkombi fuq il-kontenut. Il-kontenuti jridu jippruvaw:-

a. *That the statements of fact are true or that there has been no misstatement of facts in the statement of the materials upon which the comment was based' and;*

*b. That the comment based on such facts is warranted in the sense that fair minded men might buona fide hold the opinion expressed upon them'';*

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti issodisfaw dawn l-estremi ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom u sta għalhekk għall-attur li jipprova illi l-konvenuti eċċedew il-limiti tal-'*fair comment*' u li l-mod kif poġġew il-kritika tagħhom ma kinitx l-espressjoni tal-veduti rejali tagħhom imma kienu ispirati unikament b'malizja. Dan fil-verità l-attur ma rnexxilux jipprova konklussivament;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa'';

4. L-appell ta' l-attur huwa nifrux fuq is-sentenza kollha u l-Qorti se tikkonsidra l-istess ''*per sommi capi*'' peress li jidher li dan huwa l-aħjar metodu;

5. L-attur ħassu aggravat għaliex deherlu li l-ewwel Qorti ''kkunsidrat biss l-eċċezzjoni tal- ''*fair comment*'' u injorat dik tal-verita' tal-fatti, bl-implikazzjonijiet legali li din timporta'';

Il-fatti li s-sentneza appellata tgħid li ġew akkwiżiti, huma dawn:-

*Omissis;*

8. M'hemmx dubju li l-fatti imsemmija fl-artikolu impunjat kienu sostanzjalment veri, kif sewwa qalet is-sentenza appellata;

Meta l-fatti jkunu sostanzjalment korretti jibqa' biss li jiġi eżaminat jekk l-opinjoni espressa fuqhom, l-**apprezzament** jew **kritika** li saret tagħhom, jeċċedux il-libertà ta' espressjoni

garantita mill-Kostituzzjoni (art. 41.) u mill-Konvenzjoni Ewropeja *tad-Drittijiet Umani* (art. 10) *kif dak id-dritt u liberta'* għandhom ikunu f'soċjetà demokratika;

Fis-sentenza appellata, hemm iddikjarat *illi fil-każijiet* kongruwi, hemm imsemmija, il-Qorti "għandha tippermetti latitudni fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa, imma wkoll ażżardata entro i limiti aċċettati tad-diċenza, premissibbli f'soċjeta' demokratika". Din jhija parti mill-ġurispundenza ġà akkwiżita minn dawn il-Qrati a bażi ta' dik li hija l-ġurisprudenza ingliża, li però issa ġiet imwessgħa sewwa mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani u li riċentament din il-*Qorti ta' l-Appell approvat fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar,* 1994, fl-ismijiet Fenech pro et nomine vs Callus et għal liema sentenza għandha ssir ampja riferenza;

9. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata;

Spejjeż ta' l-ewwel grad, bla taxxa; dawk ta' l-appell għall-appellanti.